## PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
## AVVIŻI 15 TA' DIĊEMBRU 2019

**Ġabra għall-Familji vulnerabbli tal-Parroċċa tagħna**
Illum se ssir il-ġabra għall-familji vulnerabbli tal-Parroċċa tagħna. Flimkien mal-Kummissjoni Djakonija tal-Parroċċa tagħna, aħna ngħinu lil 97 familja vulnerabbli. Illum il-ġabra tagħna ser tmur biex fil-jiem tal-Milied tingħata xirja lill-familji vulnerabbli. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Illum is-Sibt 14 ta' Diċembru 2019 fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù, ir-Rabat, fit-8:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-10:00pm.

**Novena tal-Bambin**
Għada l-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019 huwa l-1 jum tan-Novena tal-Bambin.
Matul in-novena tal-Bambin, wara l-quddiesa tas-7:00am nitolbu flimkien it-talba tan-novena quddiem Ġesù Ewkaristija. Il-quddiesa tas-6:00pm matul in-novena tkun animata mill-Kummissjonijiet, Għaqdiet u Gruppi differenti tal-Parroċċa tagħna.

Fis-6.00pm quddiesa animata mill-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna u mill-Gruppi tal-Armar u n-Nar.

It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019, it-2 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. .

It-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019, it-3 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Katekisti u t-tfal taċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar u ta' Sala Sant'Anna.

L-Erbgħa 18 ta' Diċembru 2019, ir-4 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Djakonija.

Il-Ħamis 19 ta' Diċembru 2019, il-5 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6.00pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Liturġija.

Il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2019, is-6 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Fratelli tal-Parroċċa tagħna.

Is-Sibt 21 ta' Diċembru 2019, is-7 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:30pm quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja.

Il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019, it-8 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-

Grupp tal-Kappella tal-Adorazzjoni.

It-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019, ir-4 jum tan-Novena tal-Bambin. Fis-6:00pm quddiesa animata mill-Grupp Santa Marta u mill-Voluntiera tal-Parroċċa.

**Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Għada l-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019 wara l-quddiesa tad-9:15am ser ikollna Presepju Ħaj mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal bil-personaġġi u annimali ħajjin fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom**

It-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019 fis-6.00pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali fi Triq il-Kappara.

**Ċelebrazzjoni tal-Avvent**

It-Tlieta 17 ta' Diċembru 2019 bejn is-7.00pm u d-9.00pm ser issir lejla ta' riflessjoni f'ambjent sabiħ ta' talb permezz tal-Iskrittura u mużika tal-Avvent fi żmien ta' stennija għall-festa tal-Milied. Ikun hemm is-servizz tas-Sagrament tal-Qrar.

**Tberik tal-Bambini u l-Presepji**

Il-Ħadd 22 ta' Diċembru 2019 fil-quddiesa tad-9:15am ikollna t-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal iġibu magħhom il-Bambin jew il-Presepju li ngħatalhom din is-sena mill-M.U.S.E.U.M. jew miċ-Ċentru tad-Duttrina.

**Dimostrazzjoni b'Ġesù Bambin**

Il-Membri tal-M.U.S.E.U.M. iħeġġukom sabiex tipparteċipaw, fid-Dimostrazzjoni ta' Ġesù Bambin li se ssir it-Tlieta 24 ta' Diċembru 2019. Il-purċissjoni se tibda fis-5:45pm mill-M.U.S.E.U.M. u se ssir in-naħa taż-Żonqor. Fis-7:00pm, il-purċissjoni tidħol fil-Knisja Parrokkjali fejn jittella' programm ta' kant u poeżiji. Wara l-purċissjoni jittellgħu diversi premjijiet u titqassam qagħqa tal-għasel lil dawk kollha li jattendu.

**Lejlet il-Milied**

It-Tlieta 24 ta' Diċembru 2019, Lejlet il-Milied, il-Quddies ikun bħas-soltu fis-6:00pm. Fis-7:00pm tidħol il-purċissjoni tal-Bambin fil-Knisja Parrokkjali u jkollna programm imtella' mill-membri tal-M.U.S.E.U.M., imbagħad il-quddiesa tat-8:00pm. Il-Knisja terġa' tiftaħ fl-10:00pm u fil-11:00pm tibda l-Velja tal-Milied bil-prietka tat-tfal u f'12:00am il-Quddiesa tal-Milied. It-tfal mistiedna sabiex min jixtieq jilbes ta' anġlu jew ta' ragħaj u jieħdu sehem fil-purċissjoni bil-Bambin fil-bidu tal-quddiesa. Inħeġġiġkom sabiex tattendu għax dan huwa l-isbaħ mod kif niċċelebraw il-Milied aħna l-Insara meta nattendu għall-velja u l-quddiesa ta' 12:00am.

***New Year's Eve Party***

It-Tlieta 31 ta' Diċembru 2019 wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw *New Year's Eve Party* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Siġra tal-Imħabba**

Infakkrukom fis-Siġra tal-Imħabba. Bil-għajnuna tagħna nkunu qed ngħinu lill-familji fil-bżonn fil-Parroċċa tagħna. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.